**MILL-ISTORJA TAT-TIĠRIJA TAL-VITORJA** **minn JOSEPH SERRACINO**

# MINN FOMM IL-QADDIEFA U D-DILETTANTI (23)



Il-Ferilla Sengleana 'Ix-Xiħa' 1908

Dilettant ieħor li minn dejjem kellu għal qalbu din id-drawwa antika u li minn tfulitu sakemm miet ftit tas-snin ilu baqa' jsegwiha ta' kull sena kien Joe Borg – it-tifel tas-surmast Ċensu Borg, li kien wieħed mill-ħabrieka Sengleani li ħadem kemm felaħ biex jorganizzaw mill-ġdid id-distrett tal-Isla wara l-gwerra.

Lil Joe kont għamiltlu din l-intervista fis-snin 90 fuq wieħed mil-bankijiet li hemm f'xatt ir-Risq, proprju quddiem il-monument tal-Helsien. Minkejja li Joe kien qabeż sew is-sebgħin sena, huwa kellu memorja tajba ħafna. Staqsejtu fuq tfulitu u r-Regatta ta' qabel il-gwerra:

"... it-tiġrijiet ta' tfuliti ftit li xejn nista' ngħidlek dwarhom. Niftakar biss, li bħat-tfal kollha ta' tampari li konna noqogħdu fix-xaqliba tal-Ponta, ir-Regatta kienet avveniment mistenni minn sena għall-oħra. Ta' tfal li konna, l-uniku postijiet ta' rikreazzjoni li kellna f'dawk in-naħat tal-Isla kienu l-Gardjola u l-Ponta.

"Fix-xhur tas-sajf konna ninżlu ngħumu l-Ponta, u għalhekk kif int timmaġina, fuq l-art u fil-baħar kien ikun miżgħud bl-opri tal-baħar, Dgħajjes, Ferilli, Kajjikki tal-Kopp u Frejgatini u sintendi barklori.

"Fiż-żmien il-provi, il-Ponta u l-Gardjola kienu jkunu mimlijin bin-nies, il-biċċa kbira minnhom mill-Isla, għax dak iż-żmien in-nies kienet tagħmel ħafna għaliha ... rigward ir-Regatta nismgħhom jgħidu, li qabel is-snin 30, l-iktar tiġrija akkanita fir-Regatta, u li kien hemm pika kbira fiha kienet dik tal-Ferilli. Minkejja li fiha kienu jieħdu sehem ukoll Ferilli mill-Marsa u l-Kalkara, il-pika kienet bejn l-Isla u Marsamxett ... bejn dawn iż-żewġ distretti kien hemm rivalità kbira li kienet ilha teżisti bejniethom snin kbar u li aktarx kienet tmur lura sas-seklu 19."

*Joe, matul dawn l-intervisti ltqajt ma' ħafna dilettanti li kollha jsostnu li f'din it-tiġrija (Ferilli) kien jinqala' ħafna glied. Ngħidlek is-sewwa kultant jgħaddili il-ħsieb li dawn ikunu qegħdin jesaġeraw. Int x'taf tgħidli dwar it-tiġrija tal-Ferilli?*

"Li kien jinqala' ħafna ġlied fiha veru ... naċċertak li min għandu żmien daqsi u dilettant bħali jgħidlek l-istess ... aħna kellna Ferilla tajba ħafna 'San Pietru' ... il-qaddiefa tagħha kienu Salvu Formosa (il-Pa Salv), l-aħwa Chircop (l-Isnoppijiet) u Cachia (il-Kaxu) ... kien bniha Pule.

"Is-sena ta' wara, Marsamxett għamlu Ferilla ġdida u l-Isla ordnaw oħra (il-Kaħla) – l-ekwipaġġ tagħha kien Wiġi Mangion (l-Iskarpan), Salvu Rizzo (it-Tumazin), Toni Farrugia (Xkata) u Ġużeppi Gilford (Peppa Bajd) ... f'dik it-tiġrija kienu ħadu sehem erba' Ferilli, tnejn minnhom mill-Isla – waħda ħafifa u l-oħra tqila ... tul il-korsa Salvu Rizzo beda jheġġeġ lil sħabu biex jaqdfu aktar għax Marsamxett kienu se jgħadduhom.

Kif ġew fil-qbid, il-poppier tagħna ma felaħx jaqdef aktar, il-Ferilla daret u Marsamxett daħlet l-ewwel - l-Isla tilfu ħafna flus fl-imħatri. Tant kienu ħaduha bi kbira, li dak in-nhar il-Ponta kienet qamet waħda kbira u sar storbju sħiħ. Kienu waħħlu fil-poppier minkejja li ma kellux tort ... damu snin kbar ma jkellmuh, lanqas biss kienu jgħinuh iniżżel jew itella' d-dgħajsa - għax hu kien barklor.

"Meta kien għadda ftit taż-żmien, in-nofsier kien qalli, li naħa waħda kienet b'saħħitha aktar min-naħa l-oħra, iżda ma setax jitkellem... tant intilfu flus fl-imħatri li saru bejn iż-żewġ distretti li l-Isla tilfet l-interess fir-Regatta u damet snin ma ħadet ir-ruħ... kien żmien li l-Isla kienet qed tieħu sehem sempliċiment biex tonora s-sehem tagħha fir-Regatta.

"Fis-snin 30 l-Isla ordnat Ferilla tat-Tiġrija (Is-Safra) – l-ekwipaġġ biddluh, ħallew biss lil Salvu Formosa (Pa Salv) u lil Salvu Rizzo (It-Tumażin), iżda Marsamxett ma ġewx, u wara ż-żewġ distretti bdew jaqdfu weħidhom - hekk spiċċat il-korsa tal-Ferilli.

*Semmejt l-imħatri, kif kienu jsiru dawn l-imħatri?*

"Kollox kien isir bil-moħbi għax kienu llegali ... kien ikun persuna li jkun fdat minn kulħadd ... kien jiġbor il-flus mingħand id-dilettanti ... ngħidu aħna, jien naghtih £20, int tagħtih £10, l-ieħor jagħtih £5 oħra u jikteb l-isem u s-somma mogħtija ... meta jiġbor somma sostanzjali, jiltaqa' mal-lagħba tad-distrett avversarji u jiftehmu fuq l-imħatra quddiem ix-xhieda ... il-flus jingħataw lil persuna li tkun fdata miż-żewġ naħat, u l-għada tar-Regatta l-flus jingħataw lir-rebbieħa ... jien hekk nismagħhom jgħidu ... issa jekk l-imħatri kienu jsiru mod ieħor, ma nafx ...

*Jgħidu li d-distretti tal-Kottonera – Bormla, l-Isla u l-Birgu kienu ppikkati ħafna bejniethom ... veru dan?*

"Mhux daqs kemm qed taħseb int ... f'nofs is-snin 30 il-pika fost id-distretti naqset ħafna ... l-ebda distrett ma kien ippikat magħna għax id-dilettanti tagħna wara dik it-telfa kbira kienu tilfu kull interess fir-Regatta.

"Marsamxett ġralhom bħalna, il-Marsa u l-Kalkara għalkemm kienu jieħdu sehem fir-Regatta qatt ma kienu meqjusin bħala distretti kbar ... Bormla u l-Birgu kienu mqabbdin ma' xulxin u ppikkati fil-korsi l-kbar ... fis-snin 30 Bormla kienet tiddomina kull Regatta ... il-Birgu biss seta' jwaqqafha, iżda ma kienx b'saħħtu daqsha. Tant dawn iż-żewġ distretti ma kinux ppikkati mal-Isla, li l-Birgu ġieli sellfet xi opri lill-Isla biex iġerru bihom u xi wħud mill-qaddiefa ta' Bormla kienu jinżlu jixorbu l-Ponta wara r-Regatta.

"Il-pika ma kinitx bejn l-ekwipaġġi iżda fost id-dilettanti minħabba l-imħatri li kienu jintlagħbu ... ħafna mill-qaddiefa li kienu barklori, kienu ħbieb u jaħsbu f'xulxin, iżda waqt l-andament tal-korsa, l-aktar dawk tad-dgħajjes xi kultant kienu jinsew il-ħbiberija tagħhom, għax kull ekwipaġġ kien jissielet biex jirbaħ il-palju. Bormla tant kienu tajbin, li darba rebħu l-paljijiet kollha."

*Possibbli l-Isla tilfet l-interess fir-Regatta għax tilfet imħatra ... jien nismagħhom jgħidu li l-Isla kienet armata tajjeb fid-dgħajjes ta' bl-Erbgħa ... veru?*

"L-Isla bdiet tieħu r-ruħ f'nofs is-snin 30. Fl-1936 kien erba' dilettanti li ordnaw dgħajsa għand l-imgħallem Guli. Din id-dgħajsa kienet wiesa' ħafna u ħafna kienu tal-fehma li ma kinitx tajba għal qdif ... li ġara hu, li sena qabel Guli kien bena dgħajsa rqiqa u d-dwana ma kinux għaddewhielu, u allura tant beża' li għamilha wiesa' u bdew isejħulha Kavetta.

"Kienu ġerrew biha erba' qaddiefa żagħżugħ ta' saħħa kbira li kienu Toni Farrugia (iż-Żbiba), Ġużeppi Portelli (iċ-Ċummnija), Lorry Caruana (In-Nep) u Ċikku Quazzo, (ta' Salamun).

"F'dik it-tiġrija Bormla kienu għaddewna b'nofs dgħajsa ... saħħa b'saħħa tagħna konna aħjar minnhom. Fl-1937, Marsamxett daħlu għat-tiġrija b'dgħajsa bl-ewwel tliet qaddiefa bil-qiegħda u l-poppier Karmnu Saliba (il-Krajm) bil-wieqfa. Bormla kellhom *crew* tajjeb ukoll, kien hemm ħafna xnigħat dwar wieħed mill-ekwipaġġ. Taħwid kien isir dejjem ... insomma meta d-dgħajjes kienu waslu ħdejn it-tankijiet, Marsamxett żiedu ħafna fil-qdif fit-tentattiv tagħhom biex jgħaddu lil Bormla, u kien proprju matul din it-taqtiegħa bejn iż-żewġ dgħajjes li daħlu f'xulxin ... il-kolliżjoni ta' dawn iż-żewġ dgħajjes għenet lill-Isla li kienet warajhom biex tidħol l-ewwel u tirbaħ il-palju ...dak in-nhar fil-Ponta kien hemm ferħ kbir ... din ir-rebħa nisslet kuraġġ kbir fost il-qaddiefa u l-partitarji tagħhom, u jingħad li minn dak in-nhar stess bdew jippreparaw għat-tiġriia tas-sena ta' wara ..."